Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre



# SIGURTÀ PERSONALI DIĠITALI

## L-EWWEL PASSI

cyber.gov.au

# Serje dwar is-Sigurtà Personali Diġitali

Il-gwida ***Sigurtà Personal Diġitali: L-Ewwel Passi*** hija l-ewwel waħda minn serje ta' tlett gwidi ddisinjati biex jgħinu liċ-ċittadin Awstraljan jifhem il-punti bażiċi dwar is-sigurtà diġitali. Tgħallem kif tista' tieħu azzjoni biex tipproteġi lilek innifsek minn theddid komuni fl-isfera diġitali.






***L-Ewwel Passi***




***Passi Li Jmiss***




***Passi Avvanzati***

## Werrej

**INTRODUZZJONI** .... 1

**Ħaddem l-aġġornamenti awtomatiċi (automatic updates)** .... 2

**Attiva l-awtentiċità multi-fattorali (multi-factor authentication) (MFA)** .... 4

**Għamel 'back-up' regolari tal-mezzi diġitali personali tiegħek** .... 5

**Uża passphrases biex tassigura l-kontijiet importanti tiegħek** .... 6

**Assigura l-mobile personali tiegħek** .... 7

**Żviluppa l-mod kif taħseb dwar is-sigurtà fl-isfera diġitali** .... 8

**LISTA TAL-PUNTI EWLENIN** .... 11

**GLOSSARJU** .... 12

# Introduzzjoni

## X'inhi s-sigurtà personali diġitali?

F'dinja fejn kulma jmur iżżid fl-influwenza teknoloġika, wieħed juża għodda/mezzi elettroniċi u kontijiet ta' kuljum, li huma vulnerabbli għat-theddid fis-sigurtà diġitali:

- L-għodda elettroniċi tiegħek jistgħu jinkludu kompjuters, mobile phones, tablets u għodda oħra konnessi mal-internet.
- Tista' wkoll qed tuża kontijiet online għall-imejl, għall-bank, xiri, midja soċjali, logħob diġitali u oħrajn.

Is-sigurtà personali diġitali tikkonsisti fil-passi kontinwi li tista' tieħu biex tipproteġi l-kontijiet u l-għodda elettroniċi tiegħek minn theddid diġitali.

### X'inhu t-theddid diġitali?

It-theddid diġitali prinċipali li jaffetwa l-Awstraljani ta' kuljum huwa tbagħbis diżonest bħal **'scams' u 'malware'**.

- **Malware hija kelma ġenerika li tintuża biex tiddeskrivi software diżonest/malizzjuż** li huwa ddisinjat biex jagħmel il-ħsara. Dan jista' jinkludi 'viruses', 'worms', 'spyware', 'trojans' u 'ransomware'. Persuni kriminali jużaw il-malware biex jisirqu l-informazzjoni u l-flus tiegħek, u jikkontrollaw il-mezzi elettroniċi u l-kontijiet tiegħek.
- **Scams huma messaġġi mibgħuta minn persuni kriminali** li huma ddisinjati biex jimmanipolawk tagħtihom informazzjoni sensittiva, jew biex tħaddem malware fuq l-għodda elettroniċi tiegħek.

Dawn l-attakki jistgħu jkollhom impatt personali u finanzjarju sinjifikattiv fuq il-vittmi. Qegħdin pjuttost iżidu fis-sofistikazzjoni u l-frekwenza tagħhom.

### Kif tista' din il-gwida tgħin biex tipproteġini minn theddid diġitali?

Jekk qed titgħallem dwar is-sigurtà diġitali għall-ewwel darba, jew qed iżżomm ruħek aġġornat, din il-gwida hija mezz eċċellenti biex tibda. Il-gwida Sigurta' Personali Diġitali: L-Ewwel Passi hija l-ewwel waħda f'serje ta' tlett gwidi ddisinjati biex jgħinuk tifhem affarijiet bażiċi dwar is-sigurtà diġitali.








## Ħaddem/Opera l-aġġornamenti awtomatiċi

### L-aġġornamenti x'inhuma?

Aġġornament jew 'update' huwa verżjoni aħjar tas-software (programmi, apps u sistemi operatiċi) li tkun installajt fuq il-kompjuter u l-apparati mobbli (mobile devices) tiegħek.

- **L-updates tas-software jgħinu biex jipproteġu l-għodda elettroniċi tiegħek,** billi jsewwu 'bugs' tas-software (żbalji ta' coding jew vulnerabbilitajiet). Persuni kriminali u malware jistgħu jużaw dawn il-'bugs' biex ikollhom aċċess għall-għodda elettroniċi tiegħek u jisirqu l-informazzjoni personali tiegħek, kontijiet, informazzjoni finanzjarja u identità.
- **'Bugs' ġodda tas-software jinstabu kontinwament** u jkunu sfruttati minn persuni kriminali. Meta taġġorna s-software fuq l-għodda elettroniċi tiegħek, tkun qed tgħin biex tipproteġi lilek innifsek minn attakki bħal dawn.

### Kif nissettja l-aġġornamenti awtomatiċi?

L-aġġornamenti awtomatiċi huma issettjati bħala 'default' jew 'set and forget', li jinstallaw aġġornamenti diġitali hekk kif dawn ikunu lesti.

- ✓ **ixgħel u kkonferma l-aġġornamenti awtomatiċi għas-software u l-għodda elettroniċi kollha.**
- ✓ **Kif tixgħel l-aġġornamenti awtomatiċi jista' jkun differenti, skont is-software u l-għodda elettroniċi li jkollok.**
- ✓ **Issettja ħin konvenjenti biex l-aġġornament isir awtomatikament, jekk huwa possibbli, bħal per eżempju waqt l-irqad jew x'ħin ma tkunx qed tuża l-apparat.**




**L-apparat elettroniku tiegħek għandu jkun mixgħul, operat bl-elettriku u jkollu spazju mhux użat biex jistorja informazzjoni.**

**Ħjiel:** Jekk tirċievi suġġeriment biex taġġorna is-software tiegħek, għandek tagħmel dan minnufih.



**Issib iktar informazzjoni dettaljata dwar kif għandek tagħmel l-aġġornamenti awtomatiċi, billi tfittex 'Updates' fuq cyber.gov.au**



## X'jiġri jekk ma jkollokx l-issettjar tal-aġġornamenti awtomatiċi?

Jekk m'għandekx l-issettjar tal-aġġornamenti awtomatiċi, għandek tiċċekkja regolarment u tinstalla l-aġġornamenti permezz tas-software tiegħek jew mill-menu fl-issettjar fuq l-apparat tiegħek.

### X'jiġri jekk għodda elettroniċi u software qodma ma jirċevux aġġornamenti/updates?

Jekk l-apparat tiegħek, is-sistema operattiva jew is-software huma qodma żżejjed, dawn jistgħu ma jkollhomx iktar l-appoġġ tal-manifattur jew l-iżviluppatur.

Meta l-prodotti jilħqu l-istadju ta' tmiem ta' dan is-sapport, ma jirċevux iktar aġġornamenti. Dan jista' jpoġġik f'vulnerabbilità għall-attakki diġitali. Eżempji ta' prodotti ta' dan it-tip jinkludu s-sistema operattiva Windows 7 u l-iPhone 7.

Jekk l-apparat tiegħek, is-sistema operattiva jew is-software jilħqu dan l-istadju, l-ACSC tirrakkommanda li wieħed jaġġorna mill-iktar fis possibbli, biex jibqa' sigur.

**Għal iktar informazzjoni, fittex 'End of Support' fuq cyber.gov.au**





# Attiva l-awtentiċità multi-fattorali (MFA)

## X'inhi l-MFA?



Tista' tuża' l-awtentiċità multi-fattorali (MFA) biex ittejjeb is-sigurtà tal-kontijiet l-iktar importanti tiegħek. MFA tirrikjedi li wieħed joħloq taħlita ta' tnejn jew iktar tipi ta' awtentikazzjoni, qabel ma jkun mogħti aċċess għal xi kont.

- **xi ħaġa li taf** (e.g. PIN, password jew passphrase)
- **xi ħaġa li għandek** (e.g. smartcard, xi token fiżiku, app ta' awtentikazzjoni, SMS jew email)
- **xi ħaġa li inti** (e.g. marka tas-swaba, identifikazzjoni tal-wiċċ jew scan tal-ħabba tal-għajn)

L-MFA tagħmilha iktar iebsa għall-persuni kriminali biex jiksbu l-ewwel aċċess għall-kont tiegħek. Hija żżid iktar saffi ta' awtentikazzjoni, li jirrikjedu iktar ħin, sforz u riżorsi biex tiġi penetrata.

### Kif nista' nuża l-MFA biex nipproteġi l-iktar kontijiet importanti tiegħi?

Il-passi biex l-MFA issir attiva jiddependu fuq it-tip ta' kont, il-mezzi elettroniċi jew l-applikazzjoni tas-software. Għandek tattiva l-MFA issa, billi tibda mill-iktar kontijiet importanti tiegħek:

- il-kontijiet bankarji u finanzjarji online kollha (e.g. il-bank tiegħek, PayPal)
- Il-kontijiet tal-email kollha (e.g. Gmail, Outlook, Hotmail, Yahoo!)

Jekk għandek bosta kontijiet tal-email, ipprijoritizza dawk li huma marbutin mal-bank online tiegħek jew servizzi oħra importanti.

Tista' taqra iktar dwar kif tuża l-MFA, billi tfittex "Multi-factor authentication" jew MFA fuq cyber.gov.au



# Għamel 'back up' regolari tal-apparat diġitali tiegħek.

### X'inhu 'back up'?

'Back up' huwa kopja diġitali tal-informazzjoni tiegħek. Dan jista' jinkludi affarijiet bħal ritratti, informazzjoni finanzjarja jew informazzjoni oħra miġbura f'lok ieħor estern, jew fuq il-Cloud.

Il-'backing up' tal-informazzjoni tiegħek huwa miżura prekawzjonarja, biex tkun tista' tirkopri l-informazzjoni, jekk din tintilef, tiġi misruqa jew imħassra.



### Kif għandi nagħmel 'back up' tal-mezzi diġitali u files tiegħi?

Għandek tagħmel 'back up' regolari tal-files u mezzi diġitali tiegħek. Jekk dan isirx kuljum, darba f'ġimgħa jew f'xahar, jiddependi minnek. Kemm il-darba tagħmel 'back up' jiddependi fuq in-numru ta':

- Files ġodda li tpoġġi fuq il-mezzi,
- Tibdil li tagħmel fil-files tiegħek.

**Ħjiel**: Iċċekkja l-backups tiegħek regolarment, sabiex tkun midħla tal-proċess ta' rkupru. Dejjem għamel żgur li l-backups tiegħek jaħdmu tajjeb.




Issib informazzjoni iktar dettaljata dwar kif tagħmel 'backup' tal-informazzjoni tiegħek billi tfittex 'Backups' on cyber.gov.au







# Uża passphrases biex tassigura l-kontijiet importanti




L-awtentiċità multi-fattorali (MFA) hija waħda mill-iktar modi effettivi biex tipproteġi l-kontijiet tiegħek mill-kriminali diġitali. **Jekk l-MFA mhix possibbli,** passphrase f'saħħitha u unika tkun tista' tipproteġi aħjar il-kont tiegħek meta mqabbla ma' password sempliċi.

### X'inhi 'passphrase'?

Passphrases jużaw erba jew iktar kelmiet bla ħsieb bħala password tiegħek.

Per eżempju: 'kristall basla tafal prezil'.

- **Passphrases huma iktar siguri** minn passwords sempliċi.
- Passphrases huma **diffiċli biex jiġu infiltrati mill-kriminali**, iżda **faċli iktar** għalik biex tiftakarhom.

### Kif nista' noħloq passphrase?

Oħloq passphrases li huma:

- **Twal:** tal-inqas 14-il ittra tul, billi tuża erba' jew iktar kelmiet kif ġie ġie. Iktar ma tkun passphrase twila iktar tkun sigura.
- **Mhux mistennija:** uża taħlita ta' kliem kif ġie ġie ta' erba' jew iktar kelmiet mhux relatati ma' xulxin. Tużax frażijiet, kwotazzjonijiet jew liriċi famużi.
- **Uniċi:** tużax l-istess għall-kontijiet oħra.

Jekk websajt jew servizz jitolbok password tqil li jinkludi simboli, ittri kapitali, jew numri, tista' tinkludi dawn fil-passphrase tiegħek. Il-passphrase tiegħek xorta għandha tkun twila, mhux ta' min jaqtagħha u unika għall-aqwa sigurtà.

### Liema kontijiet għandi nassigura permezz ta' passphrase?

Jekk il-kontijiet l-iktar importanti tiegħek mhumiex protetti permezz ta' MFA, biddel il-passwords tiegħek għall-passphrases uniċi u f'saħħithom, u ibda bil-:

- Kontijiet online tal-bank u finanzjarji
- Kontijiet tal-email

Jekk għandek ħafna kontijiet tal-email, ipprijoritizza dawk li huma marbutin mal-bank online u servizzi oħra importanti.

Tipikament, tista' tbiddel il-password tiegħek għall-passphrase unika u f'saħħitha mill-għażliet fl-issettjar tal-kont tiegħek (account settings menu).

**Ħjiel:** Jekk tbati biex tiftakar il-passphrases kollha tiegħek, ikkunsidra tuża maniġer tal-passowords. B'maniġer tal-passwords, kulma jkollok bżonn tiftakar hija password waħda, il-maniġer jieħu ħsieb il-bqija. Fittex 'password maniġer' fuq cyber.gov.au għal iktar pariri.

Issib iktar informazzjoni dettaljata dwar kif għandek toħloq passphrases siguri billi tfittex 'Passphrases' fuq cyber.gov.au

# Assigura l-apparat mobbli tiegħek

Illum il-ġurnata, smartphones u tablets jintużaw fil-ħajja ta' kuljum. Nużawhom biex nagħmlu konnessjoni, nixtru, naħdmu, għall-banek, nieħdu ħsieb saħħitna u mijiet ta' qadjiet oħra kull ħin, u minn kullimkien.



### X'jista' jiġri jekk l-apparat mobbli tiegħi jintilef, jinsteraq jew ikun hemm xi kompromess ieħor?

- Jista' jkun li persuni kriminali jużawhom biex jisirqulek flusek jew l-identità tiegħek. Jagħmlu dan billi jużaw informazzjoni miżmuma fuq l-apparat tiegħek, inklużi l-kontijiet tal-midja soċjali u l-email tiegħek.
- Tista' titlef informazzjoni għal kollox, bħal ritratti, noti u messaġġi (jekk ma tkunx għamilt 'back up')
- Persuni kriminali jistgħu jużaw in-numru tal-mobile tiegħek biex jingannaw persuni oħra.

## Kif nassigura l-apparat mobbli tiegħi?

### Sigurtà tal-apparat:

- **Sakkar** il-mobile tiegħek permezz ta' passphrase, password, PIN jew passcode. Għamilha diffiċli biex taqtagħha - id-data tat-twelid tiegħek u l-mod kif issakkar l-apparat permezz ta' pattern locks, huma faċli għall-kriminali biex isibu tarfhom. Uża passphrase għall-aqwa sigurtà (ara paġna 6). Tista' wkoll tikkunsidra l-identifikazzjoni tal-wiċċ jew marka tas-swaba biex tiftaħ l-apparat tiegħek.
- **Għamel żgur** li l-apparat tiegħek huwa issettjat biex jissakkar awtomatikament wara ħin qasir ta' inattività.
- **Tiċċarġjax** il-mobile tiegħek fi stazzjon pubbliku tal-iċċarġjar u evita chargers ta' persuni oħra.
- **Qis** il-mobile phone tiegħek bħal kartiera. Żommu sigur u miegħek il-ħin kollu.

### Sigurtà tas-software u apps:

- **Uża** l-issettjar tal-aġġornamenti awtomatiċi fuq l-apparat tiegħek biex tinstalla aġġornamenti ġodda għall-applikazzjonijiet u s-sistemi operattivi mill-iktar fis possibbli.
- **Issettja** l-apparat sabiex dan jitlob passphrase jew password qabel ma jkunu installati l-applikazzjonijiet. Il-kontrolli tal-ġenituri (parental controls) jistgħu jkunu wkoll użati għal dan il-għan.
- **Iċċekkja** l-permessi tal-privatezza bir-reqqa meta tinstalla apps ġodda fuq l-apparat tiegħek, partikolarment l-apps bla ħlas. Installa apps minn persuni ta' reputazzjoni biss.

### Sigurtà tal-informazzjoni:

- **Ippermetti** l-kapaċitajiet li jsakkru u jneħħu informazzjoni remotament, jekk l-apparat tiegħek jippermetti dan.
- **Għamel żgur** li tneħħi għal kollox informazzjoni personali minn fuq l-apparat tiegħek, qabel ma tbiegħu jew tarmih.

### Sigurtà fil-konnettività:

- **Itfi'** l-Bluetooth u l-Wi-Fi meta ma tkunx qed tużahom.
- **Għamel żgur** li l-apparat tiegħek ma jagħmilx konnessjoni awtomatikament ma' networks oħra bil-Wi-Fi.

**Issib iktar informazzjoni dettaljata dwar kif għandek tassigura l-mobile tiegħek billi tfittex 'Secure your mobile phone' fuq cyber.gov.au**





# Żviluppa l-mod kif taħseb dwar is-sigurtà fl-isfera diġitali

Is-sigurtà personali diġitali mhix biss dwar kif tbiddel l-issettjar tal-apparat tiegħek, hija wkoll dwar kif tbiddel il-mod kif taħseb u l-imġieba tiegħek.

### Ogħqod attent/a minn qerq diġitali

Il-persuni li jikkommettu atti kriminali diġitali jużaw emails, messaġġi, il-midja soċjali u telefonati biex jippruvaw iqarrqu bin-nies fl-Awstralja. Huma jippretendu li huma individwi jew organizzazzjonijiet li int taħseb li taf, jew inkella li tista' tafda.

Il-messaġġi u t-telefonati jippruvaw iqarrquk biex tagħmel ċerti azzjonijiet, bħal:

- Tiżvela dettalji tal-kont tal-bank, passwords, u numri tal-karti tal-kreditu,
- Tagħti aċċess remot għall-kompjuter tiegħek,
- Tiftaħ xi file mehmuż li jista' jkollu malware,
- Tibgħat xi flus jew gift cards bħala rigali.

## Kif ninduna b'messaġġi ta' qerq?

Jista' jkun diffiċli biex tagħraf messaġġi qarrieqa. Il-kriminali diġitali sikwit jużaw ċerti metodi biex iqarrqu bik. Il-messaġġi tagħhom jistgħu jinkludu:

- **Awtorità:** il-messaġġ jidher li ġej mingħand xi ħadd uffiċjali, bħal per eżempju l-bank tiegħek?
- **Urġenza:** qed jgħidulek li hemm xi problema, jew li għandek żmien limitat biex tirrispondi jew tħallas?
- **Emozzjoni:** il-messaġġ iġagħlek tippanikkja, tittama jew iqabbdek kurżità'?
- **Skarsità:** il-messaġġ qed joffrilek xi ħaġa skarsa, jew iwegħdek xi ftehim tajjeb?
- **Ġrajjiet kurrenti:** il-messaġġ huwa dwar xi avveniment kurrenti fl-aħbarijiet jew ġrajja kbira?



**Tgħallem dwar kif tinduna b'phishing jew messaġġi qarrieqa (scams) billi żżur 'Learn the basics' fuq cyber.gov.au**

## X'għandi nagħmel jekk nirċievi messaġġ li jkun scam?

**Jekk tirċievi messaġġ jew telefonata li tkun scam, għandek tinjorahom, tħassarhom jew tirraportahom lil Scamwatch tal-ACCC fuq scamwatch.gov.au**

Tista' wkoll tikkuntattja s-Cyber Security Hotline tal-ACSC fuq **1300 CYBER1** (1300 292 371) jekk tinsab imħasseb/imħassba dwar is-sigurtà diġitali tiegħek.

Jekk int involvejt ruħek f'xi scam u taħseb li l-kontijiet tal-bank tiegħek, il-karti tal-kreditu jew debitu jinsabu f'riskju, ikkuntattja immedjatament l-organizzazzjoni finanzjarja tiegħek. Din tkun tista' tagħlaq il-kont tiegħek jew twaqqaf xi transazzjoni.

### X'nagħmel jekk minix ċerta jekk il-messaġġ huwa qarrieqi jew scam?

Jekk taħseb li messaġġ jew telefonata huma tassew minn organizzazzjoni li int tafda (bħal bank tiegħek), sib metodu li tafda biex iżżomm kuntatt miegħu. Fittex il-website uffiċjali tiegħu, ċempel in-numru reklamat jew żur il-fergħa fiżika tiegħu. Tużax il-'link' jew dettalji tal-kuntatt fil-messsaġġ li tkun irċevejt jew mogħti fuq it-telefon għax dawn jistgħu jkunu qarrieqa.

**Ħjiel:**
**Aħseb Qabel Tikklikja**




**Jekk taħseb li sfajt vittma ta' att kriminali diġitali, irrapurtah lir-ReportCyber tal-ACSC fuq cyber.gov.au jew ċempel is-Cyber Security Hotline tal-ACSC fuq 1300 CYBER1 (1300 292 371).**

**Tista' wkoll iżżomm ruħek aġġornat ma' l-iktar perikli reċenti, billi tabbona mas-servizz bla ħlas tal-ACSC. Fittex 'Subscribe to the ACSC alert service' fuq cyber.gov.au**
**Aħna nibagħtulek notifika meta nidentifikaw theddid ġdid fl-isfera diġitali.**





## Ieqaf u aħseb qabel ma taqsam ma' oħrajn fuq il-midja soċjali

Il-kriminali jistgħu jużaw informazzjoni li int tkun ippubblikajt fuq il-midja soċjali, fl-atti kriminali tagħhom.

Ftakar li informazzjoni fuq l-internet hija permanenti u ma tista' qatt tneħħiha totalment dment li tkun ippowstjatha.

### Kif nista' nieqaf u naħseb qabel nippowstja?

- **Aħseb:** Kif jista' xi ħadd juża' din l-informazzjoni biex jimmira lili u l-kontijiet tiegħi?
- **Aħseb:** Jien komdu/a nuri din l-informazzjoni jew stampa lil xi ħadd offline li huwa kompletament stranġier?



### X'informazzjoni għandi nevita li naqsam?

Evita li taqsam informazzjoni (inklużi ritratti) online, li l-krimiinali jistgħu jużaw biex jidentifikawk, jimmanipolawk permezz ta' scams jew ikunu jistgħu jaqtgħu kif tirkupra l-kont tiegħek. Dan jista' jinkludi:

- Post tat-twelid u data tat-twelid.
- Indirizz u numru tat-telefon.
- Min iħaddmek u l-esperjenzi ta' xogħolok.
- Fejn mort skola.
- Kull informazzjoni oħra personali li tista' tintuża biex timmirak

# Lista tal-Punti Ewlenin

## Għamilt dak kollu li sibt f'din il-gwida?

**Uża din il-lista prattika biex tissorvelja l-progress tiegħek:**

- **Xegħelt l-aġġornamenti awtomatiċi fuq l-apparati diġitali kollha tiegħi:**
  - Kompjuter (desktop u laptop).
  - Mobile phone.
  - Tablet.
- **Għandi l-awtentiċità multi-fattorali attiva fuq l-iktar kontijiet importanti tiegħi:**
  - Il-kontijiet online tal-bank u dawk finanzjarji kollha (e.g. il-bank tiegħek, PayPal).
  - Il-kontijiet tal-email tiegħi kollha (e.g. Gmail, Outlook, Hotmail, Yahoo!)
- **Regolarment nagħmel 'back up' tal-apparati tiegħi kollha diġitali:**
  - Kompjuter (desktop u laptop).
  - Mobile phone.
  - Tablet.
- **Nuża passphrases uniċi u f'saħħithom għall-iktar kontijiet importanti li mhumiex protetti minn MFA:**
  - Kontijiet online tal-bank u finanzjarji.
  - Kontijiet tal-email.
- **Assigurejt l-apparati mobbli tiegħi:**
  - Laptop.
  - Mobile phone.
  - Tablet.
- **Naħseb kuljum b'mod sigur dwar l-isfera diġitali:**
  - Naf nagħraf messaġġi qarrieqa (scam).
  - Naf x'għandi nagħmel jekk nirċievi messaġġi qarrieqa.
  - Naf kif niċċekkja jekk messaġġ huwa scam jekk ma nkunx ċert/a.
  - Naħseb tajjeb qabel ma nikklikja fuq links u files mehmuża.
  - Naħseb tajjeb qabel ma naqsam xi ħaġa ma' oħrajn fuq il-midja soċjali.
- **Naf fejn nista' nsib għajnuna jekk nisfa' vittma ta' att kriminali diġitali jew qerq.**







# Glossarju

**Rkupru ta' kont (Account recovery)**
Proċess fejn sett ta' mistoqsijiet u metodi oħra ta' verifikazzjoni huma wżati biex jirkupraw jew jerġgħu ikollhom aċċess għal xi kont jew biex ibiddlu passphrase/password ta' kont.

**Malware**
Software qarrieqi li jintuża biex jinkiseb aċċess mhux awtorizzat u kontroll ta' kompjuter ta' xi ħadd, għas-serq ta' informazzjoni u biex jiġu interrotti u diżabilitati n-networks.

**App**
Magħruf ukoll bħala applikazzjoni tal-mobile (mobile application), app hija terminu għal software li huwa użat b'mod komuni għal smartphone jew tablet.

**File mehmuż**
File li jintbagħat ma' email.

**Sistema operattiva**
Software installat fuq il-hard drive ta' kompjuter li jippermetti hardware tal-kompjuter jikkomunika ma' u jopera programmi kompjuterizzati. Eżempji: Microsoft Windows, Apple macOS, iOS, Android.

**Simbolu fiżiku (Physical token)**
Mezz fiżiku li normalment jesa' f'ħolqa ta' ċwievet, u li jiġġenera kodiċi tas-sigurtà li jintuża biex tkun konfermata l-identità ta' kompjuter ta' persuna li tuża MFA.

**App ta' awtentikazzjoni**
App li jintuża biex tkun konfermata l-identita' ta' kompjuter ta' persuna biex jippermetti aċċess permezz tal-awtentiċità multi-fattorali (MFA).

**Cloud**
Network ta' servers remoti li jipprovdu mħażen enormi għad-distribuzzjoni u enerġija tal-ipproċessar.

**Aċċess remot**
Ikseb aċċess u kontroll fuq apparat u networks minn postijiet offsite.

**Kriminali diġitali**
Kull persuna li jkollha aċċess illegali għal sistema ta' kompjuter jew kont biex jagħmel ħsarat jew jisraq informazzjoni.

**Apparat/Mezz/Għodda diġitali**
Apparat kompjuterizzat jew għall-kommunikazzjoni. Per eżempju, kompjuter, laptop, mobile phone jew tablet.

**Software**
Riferenza komuni għal programmi, kollezzjoni ta' istruzzjonijiet li jippermettu lill-persuna tikkomunika ma' kompjuter, il-hardware tiegħu jew biex tagħmel xogħol.

**Tmiem is-sapport (End of support)**
Tmiem is-sapport jirreferi għal sitwazzjoni fejn kumpanija tieqaf tagħti s-sapport tagħha għal xi prodott jew servizz. Dan tipikament japplika għall-prodotti tal-hardware u software meta kumpanija toħroġ b'verżjoni ġdida u ttemm is-sapport tagħha għall-verżjonijiet ta' qabel.

**Rinunzjament**
Il-materjal f'din il-gwida huwa ta' natura ġenerali u m'għandux jitqies bħala parir legali jew informazzjoni biex tiddependi fuqha bħala għajnuna fi kwalunke ċirkostanza jew sitwazzjoni ta' emerġenza. F'kull ħaġa importanti, għandek tfittex parir independenti tajjeb u professjonali li jaqbel fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħek.

Il-Commonwealth ma' taċċetta l-ebda responsabbilità jew tort għall-ebda ħsara, telf jew spejjeż ikkawżati mid-dipendenza fuq l-informazzjoni li tinsab f'din il-gwida.

**Dritt tal-Awtur**
© Commonwealth tal- Australia 2023
B'eċċezzjoni tal-Istemma Araldika (Coat of Arms) u fejn huwa indikat bil-kontra, l-materjal kollu ppreżentat f'din il-pubblikazzjoni huwa provdut taħt liċenzja ta' Creative Commons Attribution International (www.creativecommons.org/licenses).

Biex nevitaw kull dubju, dan ifisser li din il-liċenzja tapplika biss għall-materjal kif miktub f'dan id-dokument.

Id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja rilevanti jinsabu fuq il-website ta' Creative Commons kif ukoll il-kodiċi totali legali għall-liċenzja CC BY 4.0 (www.creativecommons.org/licenses).

**Użu tal-Istemma Araldika.**
It-termini li taħthom l-Istemma Araldika tista' tintuża huma dettaljati fuq il-website tad-Dipartiment tal-Prim Ministru u l-Kabinett (www.pmc.gov.au/government/commonwealth-coat-arms).

**Għal iktar informazzjoni, jew biex tirraporta inċident ta' sigurtà diġitali, ikkuntatjana fuq:**

cyber.gov.au | 1300 CYBER1 (1300 292 371)

Dan in-numru jista' jintuża biss fl-Awstralja.

Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre